MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 204/2011

**Doris Mangion**

**vs**

**Dr. James Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tat-28 ta’ Frar 2011 li jghid hekk:

1. Illi l-attrici kienet impjegata bhala Senior Manager (Standards and Qualifications)- Scale 6, kif juri d-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok DM 1, mal-entita governativa Malta Qualifications Council u dan mis-6 ta' Mejju 2008 fuq kuntratt definittiv ta' tlett snin li jista' jigi mgedded ghal-sena u wara sena kienet tigi tal-post;

2. Illi fil-25 ta' Mejju 2010 l-attrici applikat ghar-reduced hours (skond id-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok DM 2), cioe li tahdem tletin (30) siegha fil-gimgha u mhux erbghin (40) siegha u aktar, kif kienet qed tahdem qabel. Din l-applikazzjoni li tifforma parti mill-Family Friendly Measures giet milqugha mid-Directorate Corporate Services fit-3 ta' Awwissu 2010 b'effett mill-1 ta' Ottubru 2010 skond id-dokument hawn anness u mmarkat Dok DM 3;

3. Illi a kawza tal-imgieba tal-konvenut verso l-attrici li eskalat fix-xhur ta' u wara Settembru 2010 li sahansittra fit-3 ta' Dicembru 2010 giet kostretta taghti r-rizenja taghha b'effett immedjat (kif juri d-dokument hawn anness u mmarkat Dok DM 4) li wara, l-istess attrici irrangatu u b'hekk tali rizenja kellha effett mit-13 ta' Jannar 2011 kif juri d-dokument hawn anness u markat bhala Dok DM 5, u kopja tal-e-mail li baghtet l-attrici lii konvenut hawn anness u mmarkat bhala Dok DM 6 fejn l-attrici tat ir-ragunijiet vera ghaliex kienet kostretta li tati r-rizenja taghha;

4. Illi l-konvenut bl-imgieba tieghu kisser psikologikament u moralment lill-attrici u kkawza hsarat u effetti kbar ta' sahha u fil-fatt l-attrici ma tistax tahdem bhalissa kif juri d-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok DM 7, b'rizultat li l-attrici sofriet u qeghda ssofri danni konsistenti kemm f'danni attwali, danni futuri kif ukoll danni morali;

5. Illl kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza hija kellha titlaq mix-xoghol solament minhabba l-imgieba tal-konvenut, kif ukoll hija soffriet hsarat u effetti kbar fuq is-sahha, b'rizultat li ma tistax tahdem, u dawna sehhu unikament u esklussivament rizultat tal-imgieba tal-konvenut verso l-attrici, li tali imgieba ikkawzat lill-attnci fastidju u distress morali kbir, nieket u dwejjaq kbar kif ukoll hasita reza inutli, degredata u umiljata fuq il-post tax-xoghol solament rizultat tal-imgieba tieghu;

6. Illi minkejja li nterpellat sabiex jersaq ghal-assunzjoni u likwidazzjoni tad-danni l-konvenut baqa' inademjenti, kif juri d-dokument hawn anness u mmarkat Dok DM 8, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

7. Illi ma’ dan ir-rikors guramentat qieghed jigi pprezentat kontestwalment rikors tal-attrici fejn titlob li ma jigix ippubblikat jew rezi pubblici isimha u l-ismijiet tal-familjari taghha.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex prevja d-dikjarazzjonijiet fuq maghmula:

1. Tiddikjarah responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attrici minhabba l-imgieba tal-konvenut verso l-attrici, li b'rizultat tal-imgieba tieghu l-attrici kienet kostretta tirrizenja ghaliex tkissret psikologikament u moralment, b'rizultat li kellha tiehu kura ghal sahhitha u b'rizultat li ma tistax tahdem u b'hekk l-attrici soffriet u qed issofri danni attwali, futuri kif ukoll danni morali.

2. Tillikwida d-danni sofferti u li qed issofri l-attrici kif fuq imsemmi u jekk huwa mehtieg anke bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Jannar 2011, u interessi legali kontra l-konvenut, li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li r-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok l-inkompetenza rationae materiae ta' din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 741(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili [Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta] stante li din il-procedura kellha tingieb quddiem it-Tribunal Industrijali ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kap. 452, li hija ligi specjali li tirregola kwistjonijiet dwar l-impjieg u ghalhekk l-Intimat ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra l-istess Rikorrenti;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Intimat eccipjenti m'huwiex il-legittimu kontraditur stante li huwa m'huwiex u qatt ma' kien l-employer taghha u ghalhekk ma ghandu ebda rapport guridiku mar-Rikorrenti li mir-rikors guramentat taghha jidher li qieghda titlob kumpens minhabba li allegatament hija kienet soggetta ghal "constructive dismissal" mill-impjieg taghha u ghalhekk, m'huwiex il-persuna legittima sabiex twiegeb ghat-talbiet attrici u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza ta' dan il-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra l-istess Rikorrenti;

3. Illi fit-tielet lok fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess Rikorrenti billi l-Intimat m'huwiex responsabbli ghall-ebda dannu illi allegatament sofrew ir-Rikorrenti.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja tat-3 ta' Frar 2011, kontra r-Rikorrenti li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota a fol. 36 li biha l-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat il-verbal a fol. 72 li bih l-attrici iddikjarat illi l-azzjoni taghha hija wahda kontra l-konvenut fil-vesti personali tieghu u mhux qua ufficjal jew impjegat tal-Ministeru tal-Edukazzjoni billi d-danni allegatament subiti mill-attrici skaturaw mill-agir tal-konvenut u dan abbazi tal-artikolu 1031 tal-Kap. 16;

Rat il-verbal tat- 23 ta' Gunju 2014 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq ir-responsabilita;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti u n-noti ta’ sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

**L-azzjoni attrici**

Illi l-attrici pprezentat dina l-kawza fuq il-premessa illi l-imgieba tal-konvenut lejha kienet ta' tali gravita li gieghlet lill-attrici ssofri hsara f’sahhitha, ikkawzatilha debilita psikologika li waqghetha facute depression tant li ppruvat taghmel suwicidju b'rizultat li in segwitu giet rikoverata fl-isptar Monte Karmeli, u parti mill-kura kienet li hija kellha ma tahdirnx. Dan kollu, skont l-attrici, ghax hija kienet ghazlet li tahdem bir-reduced hours, u minhabba f’hekk il-konvenut kien ikkastigaha, jiharressjaha sistematikament u warrabha ghax kellu s-sahha.

Il-kawza ghalhekk infethet biex l-attrici tirkupra d-danni, konsistenti f’lucrum cessans, damnum emergens kif ukoll ghal danni morali. Hi qed tibbaza t-talba taghha fuq l-artikolu 1031 tal- Kodici Civili (ara fol. 46).

Illi l-imsemmi artikolu jipprovvdi li "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara illi tigri bi htija tieghu" (art. 1031 tal-Kap. 16). Norma din li tenuncja l-principju in virtu ta' liema l-lezjoni tad-dritt tobbliga lill-awtur ta' l-istess lezjoni ghar-rizarciment tal-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terzi.

Hu kompitu tal-Qorti li mill-indagini u ezami tal-provi akkwiziti tindividwalizza din ir-responsabilita. Responsabilita li kapaci tigi determinata jew minn komportament kolpuz jew minn dawk il-kriterji l-ohra li jridu jigu meqjusa ghall-iskop li wiehed jasal biex jakkolla l-incidenza ekonomika tal-fatt dannuz.

Il-Kodici taghna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx milli jippreciza li "jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (art. 1032(1) Kodici Civili). Dan ragjonevolment ifisser illi wiehed jehtieg jikkollega l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mar-rekwizit tal-prevedibilita tal-event dannuz. "Prevedibilita' din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili" (Kollez Vol XLVIII pI p258).

Imbaghad l-artikolu 1033 tal-istess Kap. 16 ikompli hekk:

> Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk.

Illi sabiex tirnexxi azzjoni ghad-danni iridu jigu ippruvati erba' elementi:

(1) il- fatt dannuz illecitu;

(2) l-imputabbilita ta' l-istess fatt ghal min ikun ghamlu;

(3) id-dannu ikkagunat minn dan l-istess fatt u

(4) id-"dolus" jew "culpa" da parti ta' min ikun ghamlu

(ara sentenza deciza mill-Qorti ta l-Appell fl-14 ta' Dicembru 1982 fl-ismijiet **Agius vs Busuttil**).

Ghahekk ikun hemm ir-responsabbilita ghad-danni jekk tigi ippruvata konnessjoni logika ta' kawza u effett bejn l-att u d-danni ikkagunati minn l-istess att (kollez. Vol. XLIV PI p343).

Ta' min isemmi wkoll li l-artikolu 1045(1) tal-Kap. 16 tal-Kodici Civili ghar-rigward ta' danni jipprovdi li l-Qorti trid tiehu is-segwenti in kunsiderazzjoni:

> Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minhabba inkapaċita ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jgib.

**Il-verzjoni tal-attrici**

L-attrici ssemmi sensiela ta' incidenti li hi tghid li graw wara li hija ddecidiet li tibda tahdem bir-reduced hours meta, fil-fehma taghha, l-konvenut beda jikkastigaha talli bdiet tahdem b'dak il-mod. Tghid li l-konvenut beda jahrabha meta tipprova tkellmu, jahtafha u jharsilha bl-ikrah. Il-konvenut beda jaghtiha hafna deadlines impossibili u meta kienet turih li mhux qed tlahhaq, kien jaghmillha iktar pressure. Hu beda jiffissa seminars u meetings meta hija jkollha xoghol iehor diga iffissat u spiccat biex taghmel xoghol ta' skrivana.

L-attrici xehdet li b'din l-imgieba u attitudini tal-konvenut hija kienet haditha bi kbira hafna u bdiet ikollha hafna flashbacks lejl u nhar fuq l-affarijiet li ghamlilha; kienet terga' tghix dak li ghamlilha u meta kienu ikellmuha t-tfal taghha lanqas kienet tinduna ghax kienet tkun maqtugha mid-dinja minhabba dawn il-flashbacks. Meta kienet tiekol kien jaghmillha d-deni u naqset hames kilos. Kienet tkun imdejqa u tikbi hafna, tqum il-hin kollu bil-lejl tibki. Bdiet tbati bil-mikranja u tiehu Solpaden. Hija kienet tiftah qalbha ma' zewgha l-hin kollu. Jekk tmiss il-computer jew taqbad gazzetta kienet tiftakar fil-konvenut; saret tibza mill-postman ghax tibza li se tircievi xi haga ohra minghandu. Qalbha bdiet tuggha hafna u kienet tippreferi ma titkellimx ma nies ghax kienet tinfaqa tibki quddiemhom. Ghamlet zmien ma

ssuqx ghax tilfet is-self-confidence u minhabba l-flashbacks bdiet tibza li tahbat bil-karozza. Bdiet thoss li l-ahjar haga kienet li tehles u taghmel suwicidju ghax ma felhitx tghix aktar hekk u darba kellha aptit idahhal tlett skieken go qalba imma ma mexxilix. Kienet bdiet tmur ghand il-psikologa u wara ghand is-psikjatra biex ighinuha imma fil-5 ta' Frar 2011 hassitha vera hazin u hasset li minhabba l-konvenut m'ghandhiex aktar futur u ma felhitx tara aktar flashbacks u ddecidiet li tmur Dingli Cliffs biex taqbez minn hemm wara li kienet kitbet ittri tal-ahhar lil tal-familja, imma lahqu gew il-pulizija u waqqfuha. Kellha tmur Mt. Carmel ghal kura u terapija. Hi baqghet tqum bil-lejl u tahseb fil-konvenut. Tghid li l-fatt li qeda bla xoghol mhux ghazla taghha imma minhabba l-agir tal-konvenut. Ghada tisma l-kliem li kien ighidilha "Mhux int ghazilt li tgawdi t-tfal. It was your choice". Il-migraines baqghu ma ghaddewx u ghadha thossha mdejqa hafna u xi drabi tispicca rieqda kwazi jum shih. Ghadha tibki hafna u thossha mweggha ghax ma kienx jixraqilha dak kollu li ghamillha l-konvenut. Tghid li l-kwistjoni kienet wahda ta' harassment b'mod sistematiku.

**Verzjoni tal-konvenut**

Il-konvenut xehed li l-attrici dahlet bhala senior manager Standards and Qualifications. Hija kienet impjegata tajba u tahdem bis-serjeta u dedikazzjoni u kellu rapport tajjeb maghha sa Novembru 2010 meta hija talbitu biex tahdem bir-reduced hours. Hu ma kienx ha gost ghax kellu senior manager wahda biss u kien se jkollu l-problemi, izda fehem il-posizzjoni tal-attrici u fil-fatt approva t-talba taghha dakinhar stess (Dok. JJC4) ghalkemm ma kellu ebda obbligu amministrattiv li jaghmel dana (JJC5 - 5.4.1.3 fol. 220). Hu jichad li kien se jimpjega lil xi hadd full-time minflokha u b'hekk hija tigi taht dan jew li xi darba qalilha kliem fis-sens li "Minn ma joghgbux jaf fejn hu l-bieb ta' barra". Ighid li mhux l-istil manigerjali tieghu (anke bhala medjatur professjonali JJC23) u lanqas hu fil-karattru tieghu li jkollu t-tip ta' reazzjonijiet li semmiet l-attrici. Hu bniedem kalm hafna, assertiv u jhobb jisma' l-ilmenti tal-istaff u jiehu azzjoni fuqhom. Hu kien ighin kemm jista’ biex l-membri tal-istaff jilhqu bilanc bejn ix-xoghol u l-familja u fil-kaz tal-attrici imbuttaha biex tkompli tavvanza fil-professjoni taghha. Hu kien investa professjonalment fiha billi kellha futur sabih u fil-fatt bejn Mejju 2008 u Novembru 2009 hija intbaghtet fuq konferenzi u tahrig barra minn Malta dsatax 'il darba u nefqu 'il fuq minn €19,009.22 fuqha (Dok. JJC8). Hi kienet tippartecipa kontinwament f'Malta u barra f'konferenzi u seminars. Ix-xoghol kien gdid imma kienu qed jitghallmu minn xulxin u kienu qieshom familja wahda jiccajtaw u jigbdu saqajn xulxin fi spirtu ferriehi. Kienu anke jorganizzaw parties jew xi ikla fis-sajf jew Milied.

Il-konvenut isemmi li fit-2 ta' Dicembru fil- Westin Dragonara l-attrici kienet giet tard u ma tkellmet xejn hlief fl-ahhar meta b'mod zorr qaltlu quddiem kulhadd li x-xoghol li hija taghmel ma kienx qed jigi apprezzat. Hu kien gie umiljat u dispjacut bl-agir taghha ghax kien attakk bla bazi u ma kienx diskors veritir u ghax id-diskors sar fl-okkazzjoni ta' merger bejn zewg gruppi ta' staff. Fi tletin sena hu qatt ma kellu incident simili. Dak inhar hu u c-chairman l-iehor kienu tkellmu fuq kemm hu importanti li kullhadd jahdem bhala team u mhux li jfittxu l-interessi taghhhom. Hu kien lest li jinsa dak l-incident izda l-ghada fit-3 ta' Dicembru fil-Victoria Hotel l-attrici taghtu l-ittra tar-rizenja taghha b'vuci gholja u zorra qabel il-konferenza u kellu jaghmel il-presentation hu minfloka minhabba r-rizenja taghha. Minhabba dawn iz-zewg incidenti ic-Chairpersons tal-gruppi kienu tawh il-parir li jaccetta r-rizenja taghha. Fl-email taghha tat-3 ta' Dicembru l-attrici kitbiltlu li hija hassitha "ignored, insignificant, abused, exploited, excluded and above all hurt". Hu jichad li dana kien minnu anzi jghid li ghal kuntrarju l-attrici dejjem kienet tkun involuta f'kull decizjoni li fiha hija kellha kompetenza u dritt u dejjem inghatat prominenza. Dawn l-incidenti graw f'perijodu li setgha jinfluwenzaw negattivament il-karriera tieghu u l-promozzjoni li kien qed jistenna. Wara kien sar jaf li l-attrici kienet lesta li terga lura l-MQC basta li tinghata l-promozzjoni ta' Vici Kap Ezekuttiv, izda hu ma qabilx billi dik il- kariga ma kinitx tezisti u li kien hemm minn seta' jikkompeti ghal dik il-kariga. Fid-9 ta' Dicembru 2010 l-attrici tatu l-handover. Imbaghad kien hemm sensiela ta' emails bejn l-attrici u Dr. M. Scriha dwar l-ittra ta' rizenja taghha billi kienet ghamlita 'with immediate effect' u kienu tawha c-cans li tirrivedi l-ittra taghha ta' rizenja biex tkun tista' tgawdi mill-vacation leave li kien baqghalha. Kienu talbuha biex l-ittra ta' rizenja taghha tkun 'in full and final settlement' izda kien jidher car li l-attrici riedet ittellghu l-Qorti u dana fil-kapacita personali tieghi.

Il-konvenut jikkontendi li hafna mill-fatti li l-attrici ssemmi huma moghtija interpretazzjoni soggettiva hafna u mdawra b'tali mod u manjiera biex jitfghu dell ikrah fuq l-operat tieghu u tal-MQC. Huwa jichad kategorikament li qatt kien hemm hsieb, xewqa jew pjan biex jaghti fastidju jew idejjaq lill-attrici.

**Ezami kliniku tal-attrici**

Illi l-attrici kienet taht il-kura tal-psikologa Dr. Carmen Sammut u l-psikjatra Dr. Ethel Felice u pprezentat ir-rapporti li kienu ghamlu dwar l-istat taghha. Dr. Felice xehdet li hija kkonstatat is-sintomi li l-attrici kienet qed tghid li qed thoss u li din attribwit dan direttament ghall-agir u attitudini li ha l-konvenut Dr. Calleja fil-konfront taghha wara li hi ghazlet li tmur fuq reduced hours. Tghid li dawn is-sintomi gew precipitati minn affarijiet li graw fuq ix-xoghol u li jistghu jwasslu ghal depression. Is-sintomi li pprezentat ruhha bihom l-attrici kienu gejjin kemm minn fatti li kienu attwalment graw kif ukoll minn interpretazzjoni soggettiva taghha ta' dawk il-fatti. Imma dejjem irid ikun hemm fatt jew fatti li jkunu ipprecepitaw dawk is-sintomi. Dr. Felice tghid li pero hi ma tivverifikax l-veracita ta' dawk il-fatti imma qaghdet fuq dak li qaltilha l-attrici.

L-istess xehdet Dr. Carmen Sammut li pprezentat zewg rapporti tal-assessment li ghamlet tal-attrici. Tghid li l-attrici bdiet tassocja s-sitwazzjoni taghha fi Frar 2011 ma' dak li kienet ghaddiet minnu fuq ix-xoghol. Hi pprecizat li kull persuna tirrijjagixxi b'mod differenti ghall-kustjonijiet li jinqalghu ma' terzi, u dan skont il-kaz u skont il-karattru ta' dak li jkun. Fir-rapport Dok. CS1 a fol. 324, datat 10th February 2011, Dr. Sammut tikkonkludi hekk:

> Although Mrs. Mangion is generally speaking a well-balanced, psychologically healthy person with good coping skills to deal with most of life's normal stressors, it is my clinical opinion that this event in her life has affected her psychological well-being in significant negative ways, leaving her feeling highly distressed, insecure and vulnerable.

**Fatti**

Il-Qorti ghalhekk ser tezamina dawn il-fatti konsisteni f'sensiela ta' incidenti li l-attrici tqieshom bhala ta' fastidju morali, biex tara jekk dawn kienux oggettivament gustifikati kif qed tarahom l-attrici jew humiex biss interpretazzjoni soggettiva tal-attrici. Il-Qorti trid tezamina jekk dawk il-fatti gewx interpretati soggettivament mill-attrici bhala harassement jew jekk kienux oggettivament gustifikabbili u li kien hemm raguni valida ghalihom kif qed isostni l-konvenut.

'Harassment' gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th edit) bhala:

> Words, conduct or action ( repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose.

L-attrici tattribwixxi il-kambjament fl-attitudini tal-konvenut fil-konfront taghha meta beda jihharressjaha sistematikament principalment meta hija ghazlet li tahdem bir-reduced hours. L-agir tal-konvenut kien jikkonsisti kemm f'kummenti fuqha personali kif ukoll fuq ix-xoghol taghha.

Fl-affidavit taghha l-attrici ssemmi diversi incidenti. Il-Qorti se jsemmi fil-qosor dak li qalet l-attrici dwarhom u x'irrisponda l-konvenut dwarhom:

1. Kummenti dwar id-degree taghha fil-European Studies quddiem il-Ministru E. Bartolo.

L-attrici tghid li l-konvenut, quddiem il-ministru Bartolo kien qal li l-MA taghha ma kienx j isthoqilha tigi meqjusa bhala degree, ahseb u ara bhala Masters. Hi hassitha umiljata b'dak id-diskors ghax minn tant degrees il-konvenut ghazel li jsemmi d-degree taghha.

Il-konvenut wiegeb li hu ma jiftakarx x'ezempju uza f'dik l-okkazzjoni izda jekk semma d-degree taghha dan kien purament accidentali u bla malizja. Zgur li mhux se jiftakar id-degrees tal-impjegati kollha tal-MQC u zgur mhux se jiddisprezza l-kwalifiki tal-haddiema tieghu stess jew jaghti ezempju biex jwegga'.

2. L-attrici tghid illi l-konvenut kien ippjana meeting tal-LCCI meta hija kienet bil-leave imbaghad meta marret ghalih, Dr. Calleja baghat ighidilha biex ma tidholx ghall-meeting.

Il-konvenut spjega li hu kien ghamel hekk biex iqassam ix-xoghol fuq kulhadd u jnaqqas il-piz fuq l-attrici. Jista' jkun li dik id-darba zbalja fil-gudizzju tieghu izda s-senior managers kellhom ikunu flessibili u jadattaw ruhhom.

3. F'meeting li sar fit-3 ta' Settembru l-konvenut kien gielha taghmel domandi u presentation meta mhux suppost kellha tkun speaker u ghalhekk billi ma kinitx preparata, hassitha imbarazzata u umiljata.

Il-konvenut ighid li f'dik l-okkazzjoni ried jaghti prominenza lill-attrici u poggiha fit-top table biex taghti l-kontribut taghha kif ghamlet fil-passat f'okkazzjonijiet simili u fil-fatt dakinhar tat kontribut siewi hafna u jaf li kienet hadet gost u rringrazzjatu. Hu jikkontendi li seniors managers suppost xogholhom hu li jkunu preparati biex jaghmlu u jwiegbu ghad domandi li jsiru u jaghtu l-kontribut taghhom.

4. L-attrici ssemmi li l-konvenut kien ghamel zewg meetings mad-Designated Authorities meta hu kien jaf li kienet se tkun imsiefra fuq progett.

Il-konvenut ighid li dan il-meeting kien ilu ppjanat u mhux facili tbiddel dati fejn ghandek sitta u ghoxrin awtorita involuta. Din il-clash kienet purament kazwali.

5. L-attrici kienet ghamlet ricerka ghall-ktejjeb tal-Classifying Qualifications u kitbet partijiet minnu u l-konvenut ma rrikonoxix il-kontribut taghha u minflok irrikonoxxa l-kontribut ta' Valerie Attard li kienet ghamlet biss il-proof reading.

Dwar dan il-ktejjeb il-konvenut isostni li mhux biss l-attrici kienet ghamlet ir-ricerka ghall-ktejjeb imma ikkontribwew diversi individwi imma kien hu li kiteb il-ktejjeb.

6. Hi kienet giet invitata biex tmur seminar f'Ateni izda ma setghetx tattendi ghax il-konvenut kien iffissa seminar f'dik id-data u kellha tkun speaker ma' Herman Nehls. Il-konvenut pero ma riedx ibiddel id-dati.

Il-konvenut ighid li hu dejjem halliha tattendi laqghat barra minn Malta hlief ghal raguni ta' spejjez jew impenn f'Malta li kien jehtieg assolutament li hi tkun Malta. F'dan il-kaz s-seminar

ta' Herman Nehls fil-fatt kien gie pospost ghal Frar 2011 u ghalhekk l-attrici setghet tmur Ateni kieku riedet.

7. L-attrici tghid li l-konvenut kien qabbadha tikteb paper fuq il-Learning Outcomes, imbaghad fis-7 ta' Novembru, fis-Sunday Times, dehret Expression of Interest biex fost ohrajn tinkiteb paper fuq Learning Outcomes. Meta rat ir-reklam infaqghet tibki u kienet iddispjacuta hafna. Kien kellmet lill-konvenut dwar dana izda dan kien ipprova jahrabha.

Il-konvenut ighid li dawn id-dokumenti inkitbu mill Grupp tal-Bologna Process li l-attrici ma kinitx membru tieghu (Dok. JJC18). Hu kien talab lill-attrici tikteb paper dwar kif Malta ghandha tintroduci l-Learning Outcomes Approach fil-Kwalifiki Maltin. Din il-paper hija ma ghamlitix jew almenu hi qatt ma ghadditulu biex jarah. Ir-reklam li sar kien dwar Learning Outcomes fil-Higher Education li dwarhom l-attrici ma kellhiex kompetenza. L-attrici kienet kelmitu dwar l-avviz u akkuzatu li hu kien 'unprofessional and unethical'. Hu kien fil-fatt kellimha dwaru u fl-ebda hin ma pprova jahrabha.

8. L-attrici ssostni li Mario Buttigieg kien informa lill-konvenut li l-Europass setghet talloka xi fondi tal-EU biex tiffmanzja skrivana biex taghmel xoghol klerikali, imma Dr. Calleja ma kienx irrisponda u meta insistiet mieghu u rrisponda, kien tard wisq u tilfu l-opportunita. Wara rrealizzat li l-iskop tieghu kien li jhalli lilha taghmel dan ix-xoghol ta' skrivana.

Il-konvenut spjega li huwa qatt ma rrifjuta assistenza klerikali jew fondi mill-EU. Kieku offrulu clerk ma kienx ser jitlifha. F'dan il-kaz huma ma kienu tilfu l-ebda opportunita ta' fondi izda li gara kien li ma kienux nstabu l-50% tal-fondi necessarji mill-Budget tal-Ministeru tal-Edukazzjoni kif ukoll ghax hemm prijoritajiet ohra. Huma kellhom bzonn ta' hafna clerks u mhux ta' wahda. (Dok. DJM17 a fol. 151). Il-grant ma kinitx ghada giet u ma setghax jimpjega lil xi hadd mill-Budget tieghu. Ghalhekk f'dan il-kaz ma kien ghad hemm ebda decizjoni. Kien hemm offerta biss u ma kien hemm xejn konkret.

Dwar dak li qalet l-attrici li hu ried jirriduciha ghal semplici clerk, l-konvenut ighid li anke ufficjali fil-livell tal-attrici jaghmlu xoghol klerikali billi bit-teknologija digitali huwa ehfeh u

aktar effettiv li taghmlu inti certu xoghol milli tqabbad lil haddiehor. Hu ma kellux is-segretarja tieghu kien hemm tlett clerks li kienu jaqsmuhom bejnithom. Ighid li hu difficili tiddistingwi bejn xoghol u iehor, minhabba d-data processing; kitba ta' ittri, noti fuq il-cornputer, emails. Jispjega li jekk l-attrici hija tal-opinjoni li hija kienet qed taghmel xoghol ta' skrivana, bniedma li hu jibghatha biex tmur diversi safriet barra minn Malta tindirizza seminars u konferenzi, allura huwa ghandu idea differenti ta' skrivana. Hi baqghet tmur barra fuq seminars u konferenzi wara l-2010 sal-2011 u kieku kienet skrivana ma kienx ser japprova dawn l-affarijiet lill-skrivani. L-attrici diga kienet issottomettiet talba fejn riedet tmur fl-2011 u ma kienx sab oggezzjoni li hija tmur u kien approva.

9. L-attrici tghid li l-Level Rating kien jifforma kwazi 90% tax-xoghol taghha u saret taf li dan kien se jigi sub-contracted u b'hekk kienet se tispicca inutli, kwazi redundant. Hi kienet oggezzjonat ghal dana izda l-konvenut kien qalilha li bilfors irid jigi subcontracted ghax altrimenti ikollu bzonn hafna nies biex jaghmlu dak ix-xoghol.

Il-konvenut spjega li l-iskop kien biex l-attrici tinghata ghajnuna permezz ta' outsourcing lil kumpaniji privati li kienu kapaci jaghmlu l-level rating taht id-direzzjoni taghha. Dan kien hsieb biss dak iz-zmien u l-abbozz inbidel xi erbghin darba. Huma kienu qed jipprevedu li kien se jkun hemm hafna nies li jridu jakkreditaw il-kwalifiki u bdew jahsbu biex dan ix-xoghol ma jaqax fuq persuna wahda. L-attrici kienet se tiehu r-rwol ta' regolatur ta' dawn in-numru ta' sub-contracts li kienu ser jaghtu. Bl-istaff zghir li kellu ma kienx possibili li jsiru r-rapporti kollha li jridu jiktbu ghall-fini tal-ligi li huma jridu jirrispettaw. Is-subcontracting ma kienx sar.

10. L-attrici tghid li l-konvenut kien spjega l-organigram u enfasizza li kien se jkun hemm stakeholders unit gdid u li hi ma kinitx se tifforma parti minnu fejn qabel hija kellha x'taqsam mal-maggoranza tal-istakeholders. Kien se jitqassam ix-xoghol taghha li kellu x'jaqsam mal ECVET, ECTS, Copenhagen u Bologna Process mal-haddiema l-godda tal-NCHE. Meta kelmet il-konvenut fuq hekk hu qalilha b'ton aggressiv, 'Mhux int ghazilt li tgawdi t-tfal! It was your choice!". Hi hassitha hazin hafna b'li qallha.

Il-konvenut spjega li dwar id-diskuzzjoni fuq l-istakeholders unit il-hsieb kien li jitqassam ix-xoghol ahjar bejn kulhadd is sa li gew maghhom l-istaff tal-Higher Education u mhux li

jittiehdilha xi rwol li kellha. L-amalgazzjoni kienet ser tfisser aktar xoghol mhux inqas. L-attrici kienet uriet riservi dwar dan il-Unit u kien ha nota u kellu jressaq l-ilment taghha quddiem il-MQC u l-Bord tal-Kummissjoni tal-Higher Education. Dwar il-ECVET, ECTS, Copenhagen u Bologna process ighid li l-attrici ma kinitx involuta direttament fil-Bologna process. Il-merger li kellu jsir kien process twil u sal-2012 kien ghadu qed jinbidel.

11. Il-konvenut kien qalilha biex taghmel l-editing tar- Referencing Report sa l-ahhar tas-sena barra x-xoghol li kellha u hi qaltu li ma kienitx ser tlahhaq u kien deher li donnu fehemha izda meta hija kienet Helsinki baghtilha email fejn qalilha lir-rapport kellu jkun lest qabel il-Milied. Dak il-hin x'hin rat l-email bdiet tibki u tirremetti ghax indunat li l-konvenut kien imqabbad maghha.

Il-konvenut ighid li ma kien hemm ebda kontribut da parti tal-attrici dwar din l-edizzjoni avolja hija kien hassret kull appuntament li kellha biex tahdem fuq dan ir-rapport. L-attrici tghid li kitbitu hi biss u li l-kontribut tieghu kien ta' 2%. Meta fil-fatt kien hemm tlett editions ta' dan ir-rapport u wiehed minnhom biss, it-tieni edizzjoni, li gie co-authored minnu u l-attrici.

12. L-attrici tghid li l-konvenut kien zamm internal Meeting tal- Bologna process avolja kien jaf li kienet se tkun msiefra u dak il-process kienet tiehu hsiebu hi.

Il-konvenut ighid li hu kien gie appuntant Chairperson tal-Bologna Process u dana ma kellux x'jaqsam mal-MQC. Kien gie infurmat li kellhom miljun euro li riedu jintefqu fi zmien sena, u ghalhekk kellhom jorganizzaw seminars f'dik is-sena biex juzaw il-flus. Ghalhekk kullhadd kellu jara kif jirranga minhabba d-dati tas-seminars u min gietu tajba u min le. Kulhadd kellu jaggusta ruhu fic-cirkostanzi. Kellhom deadline u jew jaghmlu s-seminars jew jitilfu l-flus. Hu ma dahhal ebda persuni minflok l-attrici. Fil-laqgha kienu involuti persuni minn naha tal-National Commission for Higher Education u kien impossibili li tlaqqa il-grupp kollu f' gurnata ohra. Hu pero kien ha hsieb li jaghti struzzjonijiet biex l-attrici tinghata d-dettalji tal-laqgha.

13. L-attrici tghid li t-training li kienet tibbenefika minnu kien importanti biex hija tibqa rilevanti ghal xogholha. Kien qed ikollha clashes fid-dati meta kien ikollu mpenji ta' xoghol iehor.

Il-konvenut spjega li l-ewwel gurnata tax-xoghol tal-attrici kienet f'Brussels. Fi tlett snin marret dsatax il-darba barra minn Malta. Ighid li hi ma tistax tkun f'zewg postijiet f'daqqa u kien ikollhom clashes kull xahar billi hum a ma jkunx jafu t-time table preciza ta' kull individwu fil-MQC. Hu ma ghamilx seminars appositament biex xi persuna partikolari ma tmurx, ghax ma kienx fl-interess tieghu li jaghmel hekk. Kien ikun hemm calendar of events u jkun hemm hafna clashes. It-training hija dejjem ghamlitu fil-hin propizju taghha.

14. Dwar il-meeting tat-2 ta' Dicembru bejn l-MQC u l-NCHE fuq il-rnerging taz-zewg organizzazzjonijiet, l-attrici tghid li waqt il-meeting il-konvenut beda jfahhar l-istaff taI-MQC u ma semma xejn dwar il-kontribut taghha. Dak il-hin has set li l-konvenut ma japprezzahiex u li hu mqabbad maghha.

Dr. Calleja ighid fit-2 ta' Dicembru fil- Westin Dragonara l-attrici kienet giet tard u ma tkellmet xejn hlief fl-ahhar meta b'mod zorr kien qaltlu li x-xoghol Ii taghmel ma kienx qed jigi apprezzat. Hu kien dispjacut bl-agir taghha ghax kien attack bla bazi u ma kienx diskors veritir u ghax id-diskors sar fl-okkazzjoni ta' merger bejn zewg gruppi tal-staff Fi tletin sena hu qatt ma kellu incident simili. Dak inhar hu u c-chairman I-iehor kienu tkellmu fuq kemm hu importanti Ii huma jahdmu bhala team u ma jfittxux l-interessi taghhom. Ghal ragunijiet li ghadu ma jistax jifhem l-attrici minflok talbet biex tiddiskuti dak li forsi kienet qed thoss u jinkwetaha, ghazlet li taghmel xena umiljanti fdak iI-joint staff meeting.

15. L-attrici tghid Ii wara dak li gara fit-2 ta' Dicembru hija ma setghetx tikkoncentra biex tipprepara l-presentation Ii kellha taghmel l-ghada. Bdiet tibki u tibblankja quddiem iI-computer u hassitha imweggha hafna tant li ppreparat ittra ta' rizenja with immediate effect. Din tatha l-ghada Iill-konvenut. Ghal l-ewwel hu ma qrahiex imma meta nsistiet mieghu biex jaqrah, hu qraha u qallha li kien ser ighid lie-chairman, bla ma ta kaz tal-istat Ii kienet fill u Ii kienet irrizenjat.

Il-konvenut ighid li hu kien lest li jinsa l-incident tat 2 ta' Dicembru izda l-ghada fit-3 ta' Dicembru fil-Victoria Hotel l-attrici taghtu l-ittra tar-rizenja taghha. Kienet tatu l-ittra tar-rizenja b'vuci gholja u zorra. Ghal l-ewwel hu kien tefa' l-ittra fis-sachel billi kien koncentrat fuq il-

presentation li kellu jaghmel minflok l-attrici billi kienet irrizenjat. Hi insistiet biex jiftah l-ittra u fil-fatt qraha. L-interess tieghu dak il-hin pero kien li ma jkun hemm konflitt u jirnxi minghajr hadd jinduna li hemm disgwid. L-attrici harget tghajjat b'lehen gholi fir-reception kontra tieghu u tirrikattah biex jaghtiha referral letter 'kif trid hi'. Minhabba dawn iz-zewg incident ic-Chairpersons tal-gruppi kienu tawh il-parir li jaccetta r-rizenja taghha.

16. L-attrici kienet intalbet biex tibdel l-ewwel ittra ta' rizenja taghha minn wahda 'with immediate effect' ghal wahda b'effett mill-13 ta' Jannar 2011. Kienet cemplitilha Dr. Scriha l'isem Dr. Calleja u qaltilha li Dr. Calleja riedha tiffirma 'in full and fmal settlement'. Hi hasset li l-konvenut kien ghadu intenzjonat jaghmillha aktar hsara u fuq parir legali li hadet iddecidiet li ma tiffirmax b'dak il-mod.

Il-konvenut ighid Ii dan kien parir li Dr. Scriha kienet taghtu. Hu m'ghandux background legali u bl-ebda mod ma kien hu li xtaqu. Hu kien anke ta lill-attrici cans Ii tirrivedi l-ittra taghha ta' rizenja biex tgawdi mill-vacation leave li kien baqghalha u talabha tibghat ittra ta' rizenja ohra. Jispjega li Dr. Scriha kienet qed tagixxi fl-interess tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u dan kien kuntratt tal-attrici mal-Ministeru u mhux mieghu. Ighid li l-attrici ma riditx tiffrrma 'in full and final settlement ghax riedet tfittxu bil-Qorti kif fil-fatt ghamlet.

17. L-attrici tilmenta li hija ma kinitx giet mistiedna l-istaff dinner billi l-konvenut ma kienx indenja ruhu jistidinha meta hija kienet ghada impjegata mal-MQC sa dakinar.

Il-konvenut ighid li mhux hu kien jiehu hsieb il-parties. Is-Sur Fitzpatrick ma kien talbu biex jistedinha. Ghalih l-grajja tat-2 ta' Dicembru fejn ippruvat tumiljah kienet ghadha friska wisq u hadd mill-MQC ma kien stenna li hija tkun hemm.

18. L-attrici tilmenta li l-applikazzjoni taghha biex tattendi l-Bologna Seminars kienet giet rifjutata meta Dr. Calleja kien biddel il-kondizzjoni ghad-dhul.

Il-konvenut ighid li dan gara ghax is-sinjuri Mangion ma kienux jappartjenu ghal ebda agenzija jew organizzazzjoni tal-Higher Education u ghalhekk ma kienux intitolati li jirregistraw. Izda billi kienu pprotestaw xi anzjani li riedu jattendu wkoll, kellhom jibidlu l-policy u fethu s-seminars ghal kulhadd u ghalhekk anke l-attrici setghet tattendi.

19. L-attrici tghid li, wara li rrizenjat, kienet kellmet lil Godfrey Kennely, wiehed mid-diretturi ta' Outlook Co-Op dwar possibilita' li forsi taghmillhom xi xoghol imma hu qallha li ahjar li ma jaghtuhiex xoghol ghax inkellha jigu blacklisted minhabba li Dr. Calleja kien lahaq permanent secretary. Dakinhar hassitha down u bkiet ghax Dr. Calleja kien hassrilha l-futur taghha.

Il-konvenut ighid li hu jaf lil Kennely bhala persuna li ticcajta u ghalhekk ghandu dubbju kemm hu qal il-kliem li semmiet l-attrici dwar blacklisting.

Fl-email tal-attrici tat-3 ta' Dicembru li hija baghtet lill-konvenut, tghid li hija hassitha "ignored, insignificant, abused, exploited, excluded and above all hurt".

Il-konvenut jichad dana. Hu ghid kif tista l-attrici tghid li hija 'Ignored' meta hija kienet co-author fir-Referencing Report (JJC10 tat-2009). Fir-referncing report, li fuqu hija attakkatu, hemm 'full acknowledgement' tax-xoghol li ghamlet u fl-annual reports hemm hafna menzjoni tal-kontribut taghha bir-ritratti u fi tnejn minnhom qeghda fuq il-cover (ara JJC11 u JJC15). L-attrici tghid li hija 'Insignificant', meta fil-fatt f'numru ta' seminars hija il-keynote speaker u fejn fkull meeting hi tkun is-senior manager u li fl-elenku tal-istaff tigi warajh. Tghid li hija giet 'Abused', meta ghal kuntrarju hija ripetutament giet 'empowered' bix-xoghol f’Malta u f'diversi bliet barra minn Malta. Il-konvenut ighid kif tista’ l-attrici tghid li giet 'Abused' meta hu taha dawk ic-chances kollha at the very highest levels fl-EU biex tippartecipa f'seminars, konferenzi u progetti. L-attrici issemmi li hija kienet 'Exploited' meta hu hallieha tiehu leave f'Dicembru biex tmur mat-tifel ta' huha u damet 26 gurnata barra mix-xoghol u hu qatt ma baghatilha tabib tal-Gvern biex jivverifika. Hu halliha tahdem mid-dar fil-ghodu meta kienet tkun ser issiefer; taha time-off in lieu meta ma kinitx intitolata skont il-grad taghha u kienet tinghata petrol allowance. Ghall-kuntrarju l-attrici dejjem kienet tkun involuta f'kull decizjoni li fiha hija kellha kompetenza u dritt. Ghalhekk ma kien hemm ebda abbuz morali fuqha kif jistghu jixhduh shaba li qatt ma indunaw b'xejn.

**Tikkunsidra**

Illi l-attrici qed toggezzjona kemm ghall-kummenti personali li l-konvenut kien ighaddilha kif ukoll ghall-kambjament fl-attitudini tieghu fuq ix-xoghol wara li hija ghazlet li tahdem bir-reduced hours.

Fost il-kummenti personali li l-attrici isemmi hemm meta hi kienet tmur kmieni ghax-xoghol u hu kien ighidilha: "Kecciek il-barra r-ragel". Hi kienet tiehu ghaliha ghax it-ton tieghu ma kienx wiehed cajtier. Kien jghaddi wkoll botti fuq il-fatt li hija ghazlet li toqghod mal-familja kif ukoll fuq il-degree taghha tal-MA in European Studies. Dawn, skont l-attrici, kienu jkunu akkompanjati b'hars ikrah, kien jevitaha, jahraba, ma ikellimiex u ma jirrispondiex emails li kienet tibghatlu.

Minn naha l-ohra l-konvenut jichad kategorikament li qatt kellu hsieb, xewqa jew pjan biex jaghti fastidju jew idejjaq lill-attrici ghax hija riedet tahdem bir-reduced hours anzi huwa riedha tkompli tavvanza fil-professjoni taghha billi kienet tipprometti. Ix-xoghol li kellhom kien gdid imma kienu qed jitghallmu minn xulxin u kienu qieshom familja wahda jiccajtaw u jigbdu saqajn xulxin fi spirtu ferriehi. Kienu anke jorganizzaw parties jew xi ikla fis-sajf jew fil-Milied (ara Dok. HC11 u JJC15).

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa veru li meta l-attrci ghazlet li tahdem bir- reduced hours kien hemm sinjali ta' kambjament fl-attitudini tal-konvenut imma dana gara ghax l-attrici issa kienet se tkunulu ta' anqas ghajnuna billi ma kinitx se taghti l-istess numru ta' sighat xoghol bhal ma kienet taghmel qabel. Wara li qieset il-provi kollha, il-Qorti ma tarax li kien hemm dak l-harassment sistematiku u tal-apposta da parti tal-konvenut kif qed tghid l-attrici u li kien intiz biex jumiljaha u li jirrendiha irrilevanti jew li sahansitra wassalha fi stat ta' depressjoni li wasalha biex tkun suicidal. Jekk l-attrici rat jew hasset li kien hemm dak il-harrassement sistematiku, min kien qed jahdem maghha ma nduna b'xejn. Dan xehduh (John Abela Fitzpatrick, Valerie Attard, Beatrici Mizzi, Dr. Von Brockdroff, Carmen Dalli u Richard Curmi). Partikolarment, Carmen Dalli xehdet li hi qatt ma ntebhet li kien hemm xi problemi bejn Dr. Calleja u l-attrici, b'mod specjali peress li l-attrici kienet l-aktar wahda li kien ikollha meetings

fuq bazi personali mal-konvenut minhabba n-natura tax-xoghol taghha u l-aktar wahda li kienet tintbaghat fuq safar fuq xoghol. Dan ghalihom kien ifisser li kienet fdata fix-xoghol taghha u apprezzata wkoll.

Kif xehdet il-psikologa Dr. Carmen Sammut kull persuna tirrijagixxi b'mod differenti ghal kwistjonijiet li jinqalghu ma' terzi, u dan skont il-kaz u skont il-karattru ta' dak li jkun. Diversi persuni li xehdu kienu qalu lil attrici li l-hajja mimlija problemi u li dawn trid tissortjohom u mhux titlaq minnhom. (J. Abela Fitzpatrick); biex lil management tipprezentalu l-affarijiet b'mod oggettiv (V. Maione) u biex ma tiehux decizjonijiet f'sahna (Carmen Dalli).

Jidher li wara li bdiet tahdem bir-reduced hours l-attrici saret aktar sensitiva ghas-sitwazzjoni gdida li sabet ruhha fiha u jidher li bdiet tara kollox minn lenti differenti mhux kif kienet tara l-istess affarijiet qabel meta kienet tghid li hija kienet kuntenta hafna fuq ix-xoghol taghha u li kellha rewarding experiences fil-MQC (ara Dok. GMI fol. 229 u Dok. DJM 29 a fol. 176). Il-konvenut jispjega li l-attrici bdiet tinterpreta l-affarijiet li jigru soggettivament hafna u ddawrahom b'tali mod biex titfa dell ikrah fuqu u fuq l-operat tal-MQC. Hu ighid li minflok ma l-attrici talbet biex tiddiskuti mieghu dak li forsi kien qed jinkwetaha jew thoss, hija ghazlet li taghmillu xenata fejn ipprovat tumiljah quddiem il-joint staff meeting fit-2 ta' Dicembru u terga tirrepeti l-istess xena dispreggjattiva l-ghada fil-lukanda Victoria.

Skont il-konvenut l-attitudini li l-attrici hadet fil-konfront tieghu, hija kienet diga haditha fil-konfront tal-employer precedenti taghha meta kienet tahdem l-Universita'. Hu jsemmi li hija kienet tahdem mal-Professur Peter Xuereb fid-Dipartiment tal-European Documentation and Research Centre u l-attrici kienet tghid li dan kien ighajjat maghha u jaghtiha fastidju morali fuq xoghlha tant li iddejqet u riedet titlaq mal-ewwel okkazzjoni li tigiha. L-istess xehdet Carmen Dalli fejn ikkonfermat dak li qal il-konvenut meta xehdet li kienet l-istess attrici li qaltilha li qabel dahiet mal-MQC hija kienet tahdem l-Universita u kienet tahdem l-EDRC taht il-Professur Xuereb. Qaltilha li hija kienet telqet mill-Universita minhabba li ma kinitx stmata mill-boss taghha u kienet imdejqa hafna bil-mod li kien jittrattaha u kien ighajjat ma' kulhadd u kien jiksirha. Jidher li din l-istorja regghet irripetiet ruhha mal-konvenut.

Fuq ix-xoghol wiehed dejjem se jiffaccja problemi u sitwazzjonijiet difficili. Meta l-attrici bdiet tahdem bir-reduced hours hija riedet tgawdi l-familja kif ukoll tibqa’ tgawdi u tavvanza fil-karriera li kienet thobb. Jidher pero li hija ma accettatx illi li din is-sitwazzjoni gdida kienet se ggib kambjamenti bilfors fl-andament tax-xoghol taghha. Hi ppretendiet li tibqa taghmel l-istess xoghol meta l-konvenut beda jqassam ix-xoghol mod iehor minn kif kien jaghmel qabel u minflok ipprovat tifhem is-sitwazzjoni gdida taghha, hi bdiet tara kollox hazin u lil kullhadd bhala lest ghaliha biex jumiljaha u jaghmilha irrilevanti u spiccat biex cediet taht pressjoni li wassal ghal episodji tat-2 ta' Dicembru u r-rizenja l-ghada u l-konsegwenzi l-ohra imsemmija minnha.

Il-konvenut ighid li wara li l-attrici bdiet tahdem bir-reduced hours hu kien beda iqassam ix-xoghol ahjar fuq kullhadd u jnaqqas il-piz minn fuq l-attrici mentri l-attrici bdiet tinterpreta dana bhala li l-konvenut kien qed jaghmel hekk biex jikkastigaha, inaqsilha r-responsabilitajiet li kellha u waddabha fuq xoghol klerikali u jrrendiha irrilevanti. Dan kollu, skont l-attrici wassalha fi stat ta' depressjoni.

Kwantu ghax-xoghol li l-attrici kienet taghmel jidher li hi ppretendiet li wara li applikat ghar-reduced hours hi kellha tibqa' taghmel l-istess xoghol imma f'anqas hin izda u b’aktar hin ghall-familja.

Illi l-konvenut ghalkemm approva dina t-talba tal-attrici mill-ewwel, kien konxju li l-attrici b’inqas sieghat xoghol ma setghetx tkompli taghmel u tlahhaq mal-istess xoghol li kienet taghmel qabel. Il-konvenut ma kienx qed jistenna li x-xoghol li, skont l-attrici hija kienet taghmel fuq medda ta' sebghin siegha fil-gimgha, issa se taghmlu f’30 siegha. Wiehed jistenna li certu xoghol f’certi karigi gholjin ma jistax isir bir- reduced hours. Min jimpjega jaghti l-ghazla lill-impejgati tieghu li, jekk iridu jinghataw certi karigi, per ezempju li jilhqu partners jew senior managers, hum a jridu jahdmu certu numru ta' sieghat ta' xoghol u jekk ma jkunx iridu jew ma jistghux ilahhqu ghandhom l-ghazla li ma jaccettawx dawk il-karigi u jahdmu anqas sieghat ghax jafu li dawk il-karigi u dawk is-sieghat ta' xoghol ma jghoddux ghalihom.

Il-konvenut, li kien l-employer tal-attrici u li d-decizjonijiet kienu jispettaw lilu, ra li fis-sitwazzjoni gdida li l-attrici kienet fiha, hi kellha bzonn l-ghajnuna biex tkun tista tlahhaq max-xoghol li kellha u ha d-decizjoni li jqassam x-xoghol ahjar u fuq aktar nies. L-attrici pero intepretat dana bhala li l-konvenut ried jirrendiha irrilevanti fix-xoghol taghha u jikkastigaha ghax ghazlet li tahdem bir-reduced hours. Hi ssemmi l-ezempji (il-kaz tal-LCCI u l-presentation ma' Nehls) meta hi tghid li l-konvenut jiffissa apposta dati ta' seminars biex jikklaxxjaw ma' dati meta hija tkun bil-leave jew qedgha xoghol barra minn Malta. Il-konvenut cahad dana u qal li l-attrici ma tistax tippretendi li jinbidlu dati ta' seminars li jkunu gew miftiehema ma' diversi stakeholders ohra biex tigi akkomodata hija. L-ezigenzi ta' xoghol kienu jaqghu fil-kompetenza tieghu bhala l-employer taghha u ma kienx dejjem possibili ghalih li jevita li seminar ma jahbatx ma' iehor. Ghamel referenza ghal okkazzjoni meta kellhom icaqilqu l-kalendarju minhabba certi seminars li kellhom isiru bil-fors bejn id-19 ta' Novembru 2010 u 1-20 ta' Mejju 2011. Dan ma sarx bl-intenzjoni biex l-attrici ma tattendiex imma billi dawn kellhom isiru f'dati determinati ghax jekk ma jsirux kienu jintilfu l-flus tal-EU. Tant kellhom attivitajiet fuq xulxin f'dik l-okkazzjoni li clashes kienu inevitabbili. Hu jghid li l-attrici ma setghetx tippretendi li l-kaldenarju jigi adattat ghal esigenzi taghha biss u li tattendi ghall kull seminar, konferenza jew progett li kien hemm f'Malta u barra minn Malta. Il-konvenut ighid li huma kellhom jitqassmu, u daqqa jmur hu u daqqa tmur hi, u meta ma kinitx tista' tattendi, huwa jghaddilha n-notamenti u l-informazzjoni kollha dwar dawk l-attivitajiet. Il-konvenut bhala employer tal-attrici kellu dritt jippretendi li jkun hemm flessibilita da parti tal-istaff tieghu u li jadattaw ruhhom ghac-cirkostanzi, u mhux li c-cirkostanzi jadottaw ruhhom ghall-interessi individwali ta' kull wiehed minnhom. L-attrici semmiet ukoll il-kaz meta l-konvenut ried jibghat lil Richard Curmi minflokha fuq xi seminar, izda meta dana xehed, qal li l-attrici qatt ma ilmentat mieghu dwar meetings li suppost marret hi, u minflok kien mar hu.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, kuntrajament ghal dak li qed issostni l-attrici, ma giex pruvat li l-konvenut kien qed jiffissa meetings apposta biex jikklaxxjaw max-xoghol jew leave tal-attrici biex jivvessaha.

L-attrici tilmenta ukoll li l-konvenut ma kienx impjega skrivana biex wara li jnehhilha r-responsabilitajiet li kellha, jwaddabha fuq xoghol klerikali.

Dwar il-kwistjoni tal-impjieg ta' skrivana gdida l-konvenut spjega li hu qatt ma rrifjuta assistenza u, f'dan il-kaz , li gara kien li ma nstabux il-fondi necessarji u li kieku offrewlu skrivana ma kienx ser jitlifiha. Din kienet offerta biss u ma kien hemm xejn konkret.

Dwar dak li qalet l-attrici li hija kienet se issir irrilevanti u tispicca taghmel xoghol ta' skrivana, il-Qorti tifhem dak li qal l-konvenut li bit-teknologija digitali huwa ehfeh u aktar effettiv li certu xoghol taghmlu inti milli tqabbad lill-haddiehor. Il-konvenut isemmi Ii ma jistax jifhem kif l-attrici tghid li hu ried jirriducciha ghal skrivana meta skrivana ma tintbghatx dsatax il-darba fuq diversi safriet barra minn Malta u tindirizza seminars u konferenzi. L-attrici baqghet tmur barra fuq seminars u konferenzi anke meta l-konvenut suppost kien qed jihharessjaha u jdejjaqha u jirrizulta Ii kien hemm ippjanat Ii hi tmur barra minn Malta anke wara l-2010 tant Ii kien hemm talba tal-attrici Ii l-konvenut kien diga approva.

L-attrici tilmenta li l-level training kien se jigi sub-contracted u b'hekk jittiehdilha parti mix-xoghol taghha. Skont il-konvenut l-idea kienet li, billi kienu qed jipprevedu li kien se jkollhom zieda sostanzjali f'dan it-tip ta' xoghol, l-attrici kellha bzonn ghajnuna permezz ta' outsourcing lill-kumpaniji privati li jaghmlu l-level rating taht id-direzzjoni taghha. Dan kien ghadu hsieb biss dak iz-zmien u l-abbozz inbidel hafna drabi. Bl-istaff zghir li kellhom ma kienx possibili ghalihom li jaghmlu r-rapporti kollha li kellhom jinkitbu ai fini tal-ligi. Skont il-konvenut, ix-xoghol tal-attrici kien ser jizdied u mhux jonqos.

L-attrici kienet ukoll kontra l-merger tal-MQC u l-NCHE ghax kien se jaffetwalha hazin ix-xoghol taghha. Jirrizulta Ii fuq dan il- work programm ma kinitx biss l-attrici li kienet qed toggezzjona ghalih jew li kienet se tigi affettwata izda anke l-impjegati l-ohra li ukoll ma kienux daqshekk konvinti billi ma kinux ghadhom jafu se jigri. Josephine Sultana xehdet li l-process kien ghadu sejjer u qed jinbidel. Tghid li kulhadd kellu reazzjoni differenti skond is-sezzjoni tax-xoghol tieghu, u kulhadd kien inkwetat meta ma kienux jafu kif se isiru l-affarijiet u kif se jigu affettwati. Dwar l-attrici, hi tghid li din kienet eccitata hafna. Illi jirrizulta mill-provi li kien hemm diskussjonijiet ghaddejin dwar l-istakeholders unit fejn il-hsieb kien Ii l-istaff tal-Higher Education jinghaqad mal-MQC. Din l-amalgazzjoni kienet se tfisser aktar xogholli kellu jitqassam fuq kulhadd. Ma jirrizultax fil-fehma tal-Qorti li meta kien propost dan il-merger, dan kien immirat singolarment u appozitament biex jittiehed xi rwol li kellha l-attrici

jew biex tigi mwarba jew ivvessata, imma jidher li l-merger kien ser jolqot lill kulhadd u mhux lilha biss.

L-attrici tilmenta wkoll li x-xoghol li hija kienet qed taghmel ma kienx qed jigi apprezzat mill-konvenut u ssemmi l-kaz meta hija kienet inghatat taghmel paper fuq il-Learning Outcomes u f'daqqa jidher riklam fuq it-Times fejn kien hemm Expression of Interest biex fost affarijiet ohra tinkiteb l-paper li kienet qed tipprepara hija. Issemmi wkoll li kienet tinghata deadlines li ma tistaxtlahhaq maghhom (fil-kaz tar-referencing report); tghid li fir-rapport tal-2009-2010 hija lanqas biss tissemma u fl-ahharnett tirreferi ghal okkazzjoni tat 2 ta' Dicembru meta l-konvenut beda ifahhar l-istaff kollu tal-MQC u dwar il-kontribut taghha hu ma semma xejn u dan kollu wassalha biex tirrizenja.

Dwar deadlines, il-konvenut ighid li hu d-deadlines kien jaghtihom lil kulhadd u mhux lill-attrici biss. Dan hu parti mix-xoghol.

Dwar il-meeting kongunt tal-MQC u l-NCHE li nzamm f'Dicembru 2010 il-Qorti hi tal-fehma li l-atteggjament tal-attrici f'dik l-okkazzjoni ma kienx f'waqtu kif irrimarka Dr. Von Brockdroff jekk l-attrici kellha ilmenti u kienet imdejqa, dak ma kienx il-waqt u lanqas il-mod kif tressaqhom, anke jekk setgha kellha ragun. Lanqas ma kien il-mod kif taghti r-rizenja taghha meta hija kienet mistennija taghti presentation. Minflok talbet biex tiddiskuti mal-konvenut dak li kien jinkwetaha, hija ghazlet li taghmel dik ix-xenata quddiem il-joint staff meeting.

Dwar ir-reklam li sar kien fuq il-Learning Outcomes fil-Higher Education, jidher li hemm kunflitt dwar kemm dan kien fil-kompetenza tal-attrici u anke kieku, skont il-konvenut, l-attrici ma kinitx kitbet dik il-paper jew almenu ma kinitx ghadditielu.

Dwar ir-rapport annwali tal-MQC 2009-2010 l-isem l-attrici ma jidhirx ghax kienet lahqet irrizenjat izda kif jidher mir-rapport hemm ritratti taghha kemm trid (ara Dok. JJC15) u kieku l-konvenut ried jaghmel censura fil-konfront taghha, kif qed tallega l-attrici, hu ma kienx ser joqghod jirriproduci dawk ir-ritratti kollha taghha.

Illi Dr. Carmen Sammut fir-rapport taghha Dok. CS2 (a fol. 328) datat 29 ta' Novembru 2011 dwar l-assessment tal-attrici tiddikjara hekk: "Since she has defined herself around her career and studies, fmding herself without doing what she had worked so hard to achieve has greatly unsettled her pyschologically".

Fil-fehma tal-Qorti ghalkemm l-attrici rrizenjat mix-xoghol minhabba c-cirkostanzi li saret referenza ghalihom hawn fuq u, baqghet thobb dak ix-xoghol. Fil-fatt hija kienet applikat biex tattendi s-seminars tal-Bologna Process; ippretendiet Ii tigi invitata ghall istaff dinner party; riedet tkompli bil-PhD (ara fol. 295); u ghamlet xi xoghol ghal Outlook Co-Op.

Fix-xhieda taghha l-attrici tghid li minhabba l-agir tal-konvenut hija kienet imdejqa hafna u tikbi hafna, tqum il-hin kollu bil-lejl u tibki. Tghid li jekk kienet tmiss il-computer jew taqbad il-gazzetta kienet tiftakar fil-konvenut; saret tibza mill-postman ghax tibza Ii se tircievi xi haga ohra minghandu. Izda nonostante dina l-biza, l-attrici ma sabitiex difficili biex tapplika u tattendi ghas-seminars tal-Bologna Process minn Jannar sa Mejju 2011meta kienet taf Ii l-konvenut kien se ikun prezenti. Minn naha l-ohra l-konvenut hass li l-presenza taghha hemmhekk ma zewgha kienet wahda skomda ghaIihom wara dak Ii gara. Ma jidhirx Ii l-attrici hasset l-istess. L-attrici tilmenta Ii ghalkemm kienet irregistrat ghal dawk is-seminars u t-talba taghha kienet giet milqugha, wara hija ma thallietx tattendi bil-manuvrar Ii sar minn wara mill-konvenut. Izda fuq dana xehed Antonio Olivari li qal Ii d-decizjoni kienet tal-management tal-UPA u mhux tal-MQC u li Dr.Calleja ma kellux x'jaqsam xejn mal-logistika ta' dawk is-seminars u kien biss l-espert fis-suggett. L-inviti hargu mill-UPA u spjega li kien hemm raguni valida ghaliex ghal l-ewwel giet rifjutata l-applikjazzjoni tal-attrici u wara giet accettata.

L-attrici ippretendiet li hija tigi invitata ghall-istaff party wara dak li gara u dana nonostante li kienet taf li l-konvenut kien ser ikun prezenti ukoll. Ghal konvenut pero l-grajja tat-2 ta' Dicembru kienet ghada friska wisq.

Il-Qorti ukoll ma tistax ma tinnotax dak li xehed il-konvenut li hu kien sar jaf Ii l-attrici kienet Iesta Ii terga Iura l-MQC basta li tinghata l-promozzjoni ta' Vici Kap Ezekuttiv, liema xhieda

ma gietx kontradetta. Ma jidhirx lanqas hawnhekk li l-attrici kien qed ikollha dawk diffikolta biex terga tmur lura u taffronta lill-konvenut nonostante dak li hija tghid li kien ghamillha.

L-attrici semmiet ukoll li wara li rrizenjat hija kellmet lil Godfrey Kennely dwar il-possibilita li taghmel xi xoghol mal-Outlook Co-Op u li dan kien qalilha li ahjar le ghax il-konvenut kien sar Permanent Secretary u huma jistghu jigu blacklisted. Godfrey Kennely xehed li fil-fatt l-attrici kienet ghamlithom xi xoghol imma minhabba biza ta'kunflitt ta' interess li seta kien hemm deherlu li ahjar ma jhallasihx izda jaghtiha token. Fl-ebda hin fix-xhieda tieghu ma jsemmi li qal xi diskors li kien qed jibza li jigi blacklisted mill-konvenut.

Mill-ittri a fol. 229 u 176 mibghuta lil Godfrey Kennely u Joseph Abela Fitzpatrick f'Dicembru 2010 jidher li l-attrici tghid li hija kellha hafna rewarding experiences fl-MQC u kienet qed thares lejn il-futur tal-karriera taghha billi tikkoncentra fuq il-PhD u mhux li hajjitha spiccat.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li ma giex pruvat li l-konvenut kien qieghed sistematikament jiharassja u jikkastiga lill-attrici ghax hi ghazlet li tahdem bir-reduced hours, imma li gara kien oggettivament gustifikat skond l-esigenza tax-xoghol fil-MQC.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------